# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 2**

**Rikors numru 421/20/1 AF**

**Amy u Christopher konjuġi Abela Mizzi**

**v.**

**CEJ Properties Limited (C72160)**

1. Il-kumpanija konvenuta appellat minn digriet li l-Qorti Ċivili, Prim'Awla tat fil-15 ta' Marzu, 2022, u li bih awtorizzat lill-atturi sabiex jippreżentaw lista ta' xhieda li ma ġietx preżentata flimkien mar-rikors maħluf. L-ewwel Qorti għamlet referenza għall-Artikolu 156(7) tal-Kap. 12 u rraġunat li:

> *"Madankollu jirriżulta li r-Reġistratur f'dan il-każ għażel li jirċievi r-rikors ġuramentat meta kienet nieqsa l-lista tax-xhieda.*

*Fil-każ in eżami din il-Qorti qiegħda tqis illi l-proċeduri tal-kawża għadhom fi stadju ferm bikri. Tenut kont tal-kawża għadhom fi stadju ferm bikri. Tenut kont tal-atteġġament anqas rigoruż fil-ġurisprudenza riċenti ta' dawn il-Qrati bl-intenzjoni tagħha li ssalva att ġudizzjarju, din il-Qorti hija tal-fehma illi ċaħda ta' dak mitlub jista jwassal biss għal spejjeż u dewmien bla bżonn.*

*Għalhekk tilqa' t-talba u tawtorizza l-preżentata tal-lista tax-xhieda kif mitlub.*

*L-ispejjeż jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali"*.

2. B'digriet mogħti fil-5 ta' Lulju, 2022, l-ewwel Qorti awtorizzat lill-konvenuta sabiex tappella minn dak id-digriet.

3. Fit-8 ta' Lulju, 2022, il-konvenuta ppreżentat rikors tal-appell u li bih ilmentat:

i. Ir-regola hi li xhieda mhux dikjarati fil-lista tax-xhieda mar-rikors maħluf, m'għandhomx jinstemgħu (Art. 156(7) tal-Kap. 12) u l-eċċezzjonijiet li skont dik id-dispożizzjoni jistgħu jinstemgħu xhieda mhux dikjarati, ma japplikawx għall-każ in eżami. Argumentat ukoll li skont sub-inċiż (7) r-reġistratur m'għandux jirċievi r-rikors maħluf jekk ma jissodisfax l-element tas-sub-inċiż (1), u l-lista tax-xhieda mhijiex waħda mill-elementi li jissemmew f'sub-inċiż (1).

ii. Illi t-talba tal-atturi sabiex jippreżentaw lista ta' xhieda nqalgħet minħabba l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta li biha talbu lill-Qorti sabiex tiddikjara magħluq l-istadju tal-provi tal-atturi peress li ma kienx hemm

lista ta' xhieda mehmuża mar-rikors maħluf. Il-konvenuta lmentat li bid-digriet appellat ġiet newtralizzata l-ewwel eċċezzjoni tagħha u dak hu proċeduralment skorrett.

4. Għalkemm l-atturi kienu notifikati bir-rikors tal-appell, ma wieġbux.

5. Il-kawża li fetħu l-atturi hi dik ta' difetti moħbija wara li xtraw garaxx f'Marsascala mingħand il-konvenuta. Għalhekk bil-kawża talbu riduzzjoni tal-prezz li ħallsu.

6. Hu ovvju li l-eżitu tal-kawża fil-meritu jiddependi mill-provi li ser iressqu l-partijiet. L-ismijiet tax-xhieda li attur ikun bi ħsiebu jġib, għandhom jingħataw mad-dikjarazzjoni li jkun fih ir-rikors maħluf. L-att ġudizzjarju hu r-rikors maħluf li għandu jinkludi l-ismijiet tax-xhieda li l-attur ikun beħsiebu jġib.

7. Skont Art. 156(7) tal-Kap. 12:

> *"Ir-reġistratur ma għandu jirċievi ebda rikors ġuramentat li ma jissodisfax l-elementi tas-subartikolu (1) u l-qorti ma għandha tħalli lil ebda xhud jinġieb sakemm dan ma jkollux ismu mniżżel flimkien mar-rikors.*
>
> *Meta l-ħtieġa għall-produzzjoni ta' xhud tinqala' wara li jkun ġie ippreżentat ir-rikors ġuramentat, jew meta parti kuntrarja tagħti l-kunsens tagħha bil-mod kif jingħad fl-artikolu 150(1)(ċ), jew jekk il-qorti jidhrilha li jkun fl-interess tal-ġustizzja li tisma' lil xi xhud partikolari, il-qorti tista' tħalli lil dak ix-xhud jinstama'".*

8. In-nuqqas tal-atturi seta' faċilment jiġi evitat bi ftit attenzjoni. Fil-każ tal-lum mar-rikors maħluf ma ssemma l-ebda xhud. L-atturi jsostnu li dak li ġara kien minħabba żball ġenwin li wettaq l-avukat li ffirma r-rikors tat-2 ta' Settembru, 2021. Hu fatt ukoll li l-atturi talbu li jippreżentaw lista ta' xhieda meta għadu ma bediex il-ġbir tal-provi u formalita` żejda hi odjuża. Pero` dan ma kienx każ ta' formalita` żejda għaliex il-liġi hi ċara.

9. Kien id-dmir tal-atturi li mar-rikors jagħtu l-ismijiet ta' xhieda li riedu jressqu, u l-liġi hi ċara kristall fis-sens li l-Qorti m'għandha tħalli lil ħadd jinġieb bħala xhud jekk ismu ma' jissemmiex flimkien mar-rikors.

10. Ir-rikors maħluf ġie ffirmat minn żewġ avukati u minn prokuratur legali. L-iżball tar-rappreżentanti ta' parti fil-kawża hu żball tar-rappreżentat. Kien fid-dmir tagħhom li jiżguraw li dak li titlob il-liġi, jiġi osservat.

11. Dan lanqas mhu każ li japplika għalih il-*proviso* ta' Art. 156(7) tal-Kap. 12, ġialadarba ma ssemma l-ebda xhud flimkien mar-rikors u f'kull każ hu ċar li l-konvenuta mhijiex tagħti l-kunsens tagħha. Inoltre, kif qalet sew il-konvenuta, il-kliem 'xhud partikolari' ma tagħtix wieħed x'jifhem li l-Qorti tista' teżerċita d-diskrezzjoni tagħha fejn ix-xhieda huma dawk kollha li suppost tniżżlu mar-rikors maħluf.

12. Għalhekk l-ilment tal-konvenuta fl-ewwel aggravju, hu ġustifikat.

13. Peress li intlaqa' l-ewwel aggravju m'hemmx ħtieġa li l-Qorti tikkunsidra t-tieni aggravju.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell tal-konvenuta u tħassar id-digriet tal-5 ta' Lulju, 2022, u tiċħad it-talba tal-atturi magħmula bir-rikors tat-2 ta' Settembru, 2022. Spejjeż kollha a karigu tal-atturi.

Tordna lir-Reġistratur sabiex jibgħat l-atti lura quddiem l-ewwel Qorti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da